# IL HABIB

Joħrog cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, is-26 TA NOVEMBRU, 1912. NRU. 42.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## INFACCRU

li nhar is-sibt li gejj, l'aħħar jum ta novembru, jaghlak iż-żmien tal Concors taghna. Erba' ti jem, ghal min irid, fihom il barca. S'issa ghandna *erba' Concurrenti*: mhux ħażin: imma xtakna actar.

LIS-SOĊI

**tal Unjoni Cattolica San Giusepp.**

Dac li conna nixtieku u ilna naħdmu ħafna ghaliħ irnexxielna sa fl'aħħar nakilghuħ seŭŭa. Iċ-Circlu taghna issa jinsab imħaddem fil Programm tieghu collu, b'gid cbir ta ħafna nies.

Li Schejjel ghat-tfal tas-Soci kieghdin isiru mil Professur Dun Carm Psaila; li Schejjel ghas-Socj kieghdin isiru ucoll minn Monsinjur Galea, mil President, mis-Sur W. Agius u minn Dun Ġŭann Gaŭci (dan tal aħħar ghar-Religjon, chif hu ucoll Dun Giusepp Spiteri ghat-tfal tas-Soci).

Il Cunferenzi Religjusi, Civlli u Scientifici, kieghdin isiru b'ghakal cbir u fuk suggetti ŭisk necessarji; iċ-Cinematografu, it-Teatrini u xi divertimenti oħra mixjin tajjeb ħafna u tabilħakk onesti, ghaliex cull ħaġa li issir fihom hemm min jeżaminaha, biex ma iħalli isir xejn li jista joffendi il ghajn jeŭ il ŭidna. Jonkos issa li is-Soci iħabircu ftit iżjed biex ighinu lill Cumitat, li ma bakaghlu xejn iżjed x'jaghmel ghalihom u ghalihom biss.

## Hûejjeġ li ma jitmûemmnux.

Akraŭ x'chellu ħila jicteb fukna ġurnal tat-*Tasmanja*, li hi gżira taħt ir-riħ tal Aŭstralja, biex ma tistaghgbux actar mita nghidulcom li bosta ġnus tad-dinja ma jafux x'aħna u hemm fosthom min ghandu f'rasu li aħna gharab u ghândna nilbsu is-sarŭan:—

«THEDDIDA MALTIJA.

«L'Aŭstralja il Bajda fil periclu.

«Daŭc li jafu jaħsbuha tajjeb fit-Tasmanja jinsabu ŭisk imfixcla imħabba il ghadd cbir ta Maltin, leŭnhom ismar, li haŭn din il ħabta kieghdin jaħdmu max-Xirca tal Minieri tal Muntanja-Lyell. Il Gvern tal Ghakda, ftit taż-żmien ilu, chien ŭieghed li ghandu jitħasses bil moħbi chif kieghda tigi micsura il Ligi taddħul tal frustieri. Iżda, 'mbaghd, rakad collox, actarx ghax riedu hecc il Capijet tal Ghakda.

«Issa Ben Watkins, ŭieħed minn tax-*Xirca tax-Xoghol*, raġa kajjem il biċċa il gimgha li ghaddiet fil Cunsill ta li Ŝtat ta Skite: u naħsbu li nitkanklu fl'aħħar biex neħelsu il Gżira taghna (jigifieri it-Tasmanja) minn din it-THEDIDA MALTIJA.»

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Haŭn il ġurnal tat-Tasmanja jissocta ighid li Sir Henry Barron (dac li chien General haŭn Malta), bħala Gvernatur ta dic il Gżira ħabrec ŭisk biex jieħu il Maltin jaħdmu hemm: u jieħodha mieghu, ghax ighid li chiser il Ligi: u ighemghem ghax il Cap tal Cunsill ma ghaddiex il *Mistoksijet* li ried jaghmel fuku is-Sur Watkins: u, imbghad, icompli:—

«Din il *qŭistjoni maltija* hi cbira ŭisk u il Poplu (tat-Tasmanja) ma iħallix il Gvernatur jindaħallu fl'affarijet tieghu. *Ghadd cbir ta daŭn* IN-NOFS-SIŬED *kieghed jaħdem f'lôc* IL BOJOD *fil miniera tal Muntanja-Lyell.* Bil chemm jinsab fosthom xi ŭieħed li jiddobba itemtem xi chelma bl'ingliż u imħabba f'hecc f'cull kasam kieghdin iħallsu bniedem biex ifehemhom. Il Capijet tax-Xirca tal Muntanja-Lyell jistkarru li daŭn *in-nies siŭed mil aghar* (COLERED FRASH) giebuhom jaħdmu maħħom ghal xi żmien, jigifieri sa chemm jaghmlu triek ghall vapur tal art geŭŭa il bosc, sal ghadira ta Margaret, u dan ma sarx ħlief ghax dac iż-żmien il ħaddiema chienu scarsi. Kalu ucoll li kieghdin jatu lil daŭn is-SINJURI TAL LEŬN disa' xelini cull-jum, chif dâri iħallsu: imma din il ħrafa li il ħaddiema BOJOD chienu scarsi m'hix ħlief ghidba, ghax il BOJOD chienu imorru ghax-xoghol b'disa' xelini cull-jum.

«Issa, hi chif in hi, jecc daŭn IS-SIŬED MIBGHUDIN MINN'NA kieghdin jaħdmu b'disa' xelini cull-jum, x'jaghmlu, mita, chif tghid ix-*Xirca*, jispiċċa ix-xoghol (tat-triek tal ħadid) u jibaghtuhom?.... Bla dubju xejn, jixterdu mal Gżira (tat-Tasmanja) u jibdeŭ jaħdmu b'cull ħlas żghir li jatuhom, biex ma jakghux ghall ġarr mat-torok, bħal bhejjem tat-taghbija.

«Allura sgur li ix-xoghol tal BOJOD jonkos, ghax icollhom jokoghdu l'ura.

«Hemm ucoll fin-nofs il gieħ tal Aŭstralja, li trid *iżżomm ir-razza taħħa bajda u sâfja.* Ftit mijet minn daŭn IN-NIES SIŬED li jibkghu jokoghdu haŭn u maż-żmien jiżżeŭŭġu, igibu fid-dinja *tfal siŭed, bi mnieħirhom mghaffeġ, ta nisel baghli*: u dac il gieħ jitlef telfa cbira! Collox flimchien, immela, din it-*theddida maltija* hi ħaġa ta min jitħasseb ŭisk fukha! Il Gvern tal Ghakda tal Aŭstralja u *ix-Xirca tax-xoghol* ta li Stat tat-Tasmanja ghandhom id-dmir imkaddes li jitkanklu u iħabircu biex *cull ŭieħed minn daŭn is-siŭed*, malli jispiċċa ix-xoghol li giebuħ ghaliħ, jarġa jinbghat mnejn giè.»

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Chelmtejn biss fuk dan collu! Haŭn ma ghandhiex x'tindaħal actar l'*Emigrazzjoni*: u ħażin jaghmel — ħażin ŭisk—min, biex ighid contra taħħa jeŭ favur, jisserva b'din il biċċa li tokros il gieħ tal Maltin, bħala *Poplu Civil* tant ghôli ghal-collox u f'collox fid-dinja, li daŭc tat-Tasmanja inkas chienu ghadhom jeżistu mita hu chien imsemmi ghall gherf u ghall cummerċ tan-nies tieghu mal bliet il cbar nett tal Eŭropa! Aħna *is-siŭed* u huma *il bojod*, chif jaraŭ ghajnejhom: imm'aħna, f'ghajnejn min jaf li *Storja tad-dinja*, nisel sâfi ta missierijet cbar fil gieħ taħħom, ta missierijet kalbenin li xerrdu bosta drabi demmhom ghall pajjiżhom, mentri huma ghandhom jiftacru li it-Tasma-

nja, mita chienet ghadha bla nies, giet mghammra bil *forzati* li chienet tibghat itturrufnati hemm l'Inghilterra! Bakax min irid iŭaġġaghna!....

## Din isbaħ!

Biex nuru li l'Appostli ġodda tilfu rashom, bdejna naraŭ il ħmerijit li ighidu, u rajnihom bla ras u bla ruħ (jigifieri ma ghandhomx cont ta ruħhom) meta gibna x'jaħsbu fuk Alla l'imbierec, fuk Cristu Sidna u fuk ir-Religjon. Imma il ghaliex il bniedem, meta jinsa l'Alla u jitjassar ŭara il passjonijiet tieghu, jinżel min-nobbiltà tieghu u jitbaxxa tant li isir bħall bhejjem, bħalma insibu mictub fis-Salmi, jidhirli li, jecc naraŭ ħmerija oħra li ighidu daŭn l'appostli ġodda tal gherf tad-dinja, jigifieri tax-xitan, ma'ndumux ŭisk li nindunaŭ chif huma ŭaslu li jitbaxxeŭ fejn ghedna. Il ghaliex hecc ghandu icun, min iħalli l'Alla u it-taghlim tieghu, ghandu bil fors ifaħħar b'ghajb cbir tieghu, l'avviliment li fiħ icun ŭasal.

U araŭ jecc hux hecc.

Daŭna raŭ, li jecc ighidu li il bniedem hu maħluk mn'Alla, ghandhom bil fors jammettu, bħal ma urejt kabel, li il bniedem ghandu jati il kima tieghu ll'Alla, iħobbu, iserviħ, jisma il chelma tieghu, jemmen f'Gesù Sidna, Salvatur taghna, iħobb ir-Religjon u ighix scond ma tghidlu il Cnisja. Imma din il ħaġa huma ma iridux jaghmluha u biex juru li ghandhom ragjun, ħasbu chif jistghu jeħilsu mn'Alla, mil Cnisja u mit-taghlim taħha: u aħseb u gib min jaħseb, sa fl'aħħar intakghu ma xadina jeŭ chetmejmuna, cbira jeŭ żghira ftit jimporta, u billi raŭha tiecol il gelleŭs b'idejha, u cull-tant timxi fuk sakajha, u taghmel dac li tara jaghmel ħadd-ieħor, u iddaħħachom fil cummiedji, ħabbtu idejhom bil ferħ u kâlu: Lè, il bniedem ma hux maħluk mn'Alla, m'hux veru li Alla ħalku u stampalu fiħ ix-xbiħa tieghu, m'hux minnu li hu ghandu ruħ li ma tmut katt; lè, il bniedem gejj mixxadina, hu bhima bħalha u xejn inkas minnha, hu xadina ictar sabiħa; iva, ictar pulita, xadina li tghallmet l'educazzjoni, li minn f'lôc ma tiŭerżak tidħaddet, li minn f'lôc ma takbeż timxi, xadina bla denb, ictar ħelŭa, ictar gustusa, imma xadina; f'chelma ŭaħda, bhima.

U dan it-taghlim intkal fl'akŭa Universitajjet tad-dinja, inchiteb f'opri l'actar cbar, fil ġurnali, fir-rivisti ta cull lingŭa u ta cull daks, u sab min ifaħħru, min ixerrdu u min jitkanżaħ biex juri li aħna m'aħniex ħag'oħra ħlief ulied ix-xadini u il chetmejmuni.

Ħallina issa mit-tort cbir li jaghmlu lill bniedem, meta inissluħ minn dan l'annimal, tort liema bħalu, ghaliex ħadd ma jokghod taħtha jecc tghidlu f'ŭiċċu *annimal* u *bhima*.

Ħallina minn dan: biss jidhirli li jecc daŭn iridu iŭaħħlulna f'rasna li aħna ulied il bhejjem, żbaljaŭ jaghżlu ix-xadina bħala ċipp tal bidu taghna; actar chien jixrak li jaghżlu il ħmar, xejn-xejn chienu juru li mhux ghalxejn ighidu ħmerija bħal din. Imma ħallina minn dan ucoll. X'ghandna naħsbu fuk dac li ighidu, li jigifieri il bniedem hu is-silt tal chetmejmuna?..

Ŭieħed għaref taljan, il Professur Pietru Giuria, ighid hecc:

«Hia ħaġa li tidher, li ir-razza tax-xadini m'hix ir-razza tal bniedem, ghaliex daŭn iżżeŭġ razez ighixu, joctru ħdejn xulxin, iva, imma minghajr katt ma jitħalltu. Ix-xadina titŭieled xadina—u tmut xadina. Il bniedem ma hux xadina mibdula. Ix-xadina ta'llum, hi ix-xadina ta sitt elef sena ilu, b'li stess ghamil, b'li stess malizzja; u bejn ix-xadina u il bniedem hemm bghid hecc tŭil, li ixxebħ biss hu l'icbar ghajb lill bniedem.»

Imma ghaliex iriduna gejjin mix-xadina?

L'eŭŭel nett, ghax tilfu rashom; it-tieni, ghaliex min nesa ighix ta bniedem, jigifieri min ma bakax iħobb ll'Alla u jibża minnu, min irid ighix chif jakbillu, mhux le chif ghandu ighix, biex ġurnata fid-dinja l'oħra jeħu il premju, min insomma tħassar ghal-collox, jibda iħoss ghira ghll'annimali, ghaliex jixtiek li bħal daŭn ma iħossx ittinghiż tal cuscienza, ma iħossx xi ighidlu li kieghed jaghmel ħażin; u ghal hecc irid chiecu iŭaħħal f'rashu li hu bhima, u xejn inkas minn bhima, ghax jara li actar aħjar ghaliħ chiecu jintemm u isir trab fil kabar, milli jibka iŭaħŭaħ u iferfer ghal-dejjem ta dejjem fl'infern. Din hi ir-raġuni collha chemm hi ta din il ħmerija; u jecc l'appostli ġodda li dehru biex jatuna id-daŭl ghadhom ma kalux din il ħmerija, dan ġara ghax ghadu ma ŭasalx il ŭakt, issa taparsi, bl'Evangelju f'idejhom,kieghdin ifittxu ighaddu bid-daħc il Cnisja u it-taghlim taħħa, biex, imbaghad, meta joħorġuc mil Cnisja Cattolica, ighidulec: Ghalfejn taħseb f'ruħec? cûl—ixxala—akta capriċċic, ghax li Alla ħalak il bniedem hi ħmerija tan-nisa, il bniedem ma hux maħluk mn'Alla, imma gejj mix-xadina!

Liema unur jaghmlu lill bniedem daŭc il chelmiet ta li Scrittura Mkaddsa: «Ejjeŭ naghmlu il bniedem xbiħa u xebħ taghna, u hu jiccmanda lill ħut tal baħar, u lill ghasafar tal ajru, u lill'annimali ta collha chemm hi l'art u lir-rettili collha li jitcaxcru mal art. U ħalak Alla il bniedem xbiħa tieghu, u xbiħa t'Alla ħalak lilu.» Liema unur jaghmlu lill bniedem daŭn il chelmiet, chemm igholluħ fuk cullħadd?! Liema ghajb jaghmluìna, immela, daŭc li iriduna imnisslin mill'annimali?! «Trid taf, kâl darba il gharef Monsinjur Gaume, lil ŭieħed żaghżuħ, ghaliex nies bħalna u mghammdin bħalna, huma hecc mitlufin ŭara din il ħmerija li tghid li il bniedem hu nisel ix-xadina? Ghaliex il ħsieb tad-dinja l'oħra ibeżżaħhom u jixtieku b'collox u ghal collox jeħilsu minnu. U billi dan il ħsieb ibeżżaħhom, jiċħdu cull ma jista ifaccarhom fiħ, biex ighixu chif iridu il passjonijet taħħom. Ittħassir tal kalb dejjem mexa id f'id mal ħażen tal moħħ. Bniedem bla virtù u bniedem li ighix scond il passjonijet tieghu huma ħaġa ŭaħda. Tghix scond il passjonijet u tghix ħajja tas-sensi, ħajja tal annimali u tal annimali mokżieza, hu li stess. Il bniedem jaħtieġlu bil fors icun jeŭ anġlu jeŭ bhima, jeŭ jadura ll'Alla jeŭ il gismu u ixxitan, ma hemmx triek tan-nofs.»

U daŭn ma riedux jaduraŭ ll'Alla, ma riedux icunu anġli, ghażlu li icunu bhejjem: ghandna aħna nitghallmu minnhom?

DUN MANŬEL.

## Ghall Cungress

Il Professur Alejxander—dac li chien Prim-Vjolincell tat-Teatru Rjal—miżżeŭŭeġ ma Maltija mill'Isla u uliedu Maltin collha—ghoġbu jibghatilna minn Valenzja, belt ta Spanja, il gażetta *Las Provincias* tal 31 ta ottubru, mnejn sejjrin nakalbu mil li Spanjol ghall Malti dan l'articlu, biex ŭieħed icun jaf x'kieghed isir barra ghall Cungress taghna:—

«PELLEGRINAĠĠ
*«ghall festi Costantinjani ta Ruma*
*«u ghall Cungress Eŭcaristicu ta Malta.*

«Ix-Xirca li ma titneħħa katt u li hi maghmula biex tmexxi il Pellegrinaġġi ghall Gerusalemm u ghall Ruma, mixtieka li tŭieġeb ghas-sejħa tal Imkaddes Missier Taghna il Papa Piju Ghaxra, li irid ifaccar b'ferħ cbir il gheluk tas-sbatax il mit-sena tal imsemmi *Editt ta Milanu*, mita Costantinu il Cbir, fis-sena 313, tà il paci u il libertà lill Cnisja—kieghda tŭakkaf ghall'april tas-sena li gejja Pellegrinaġġ ghal Ruma, *li jibka sejjer Malta ucoll*, biex jieħu sehem fl'24 Cungress Eŭcaristicu Internazzjonali.

«Ghal hecc, mela, il Cumitat li ghandu imexxi dan il Pellegrinaġġ, kabel ma joħroġ il pattijet bir-rekka collha, li sal aħħar ħin icunu dejjem jistghu jitbiddlu xi ftit, ixandar u iħabbar mn'issa li il Pellegrinaġġ jitlak bil baħar minn Barzellona sbieħ il ħdax t'april 1913 u jibka sejjer Civitavecchja. Minn hemm jitla Ruma bl'art, fejn jokghod mit-13 sal 20 t'april. Imbaghd, jarġa jinżel bl'art Civitavecchja u jimbarca ghall Malta, *fejn jasal fit-22 ta dac ix-xahar*. Il Pellegrinaġġ jibka Malta mit-22 sas-27 t'april, *bil vapuri mieghu;* u jarġa jitlak bihom ghall Barzellona, biex jasal fit-30 tax-xahar.

«Il prezz tal biljett, li fiħ il Pellegrin *icollu collox imħallas*, ma nistghux nghiduħ seŭŭa m'illum, ghax jista jitla u jinżel scond il ghadd tal Pellegrini li jinchitbu u scond *chemm icun hemm bżonn ta vapuri*: imma ghal tal *Eŭŭel Classi* icun bejn 750 u 900 *pesetas* (minn 30 sa 36 lira); ghal tat-*Tieni Classi* bejn 550 u 650 *pesetas* (minn 22 sa 26 lira; u ghal tat-*Tielet Classi* bejn 350 u 400 *pesetas* (minn 14 sa 16 il lira). F'dan il prezz, huma maghdudin is-safar bil baħar u bl'art, l'ichel u ir-rkad ma tul il viaġġ collu, ir-rchib ghaż-żjajjar, id-dħul fil Musej, il ħlas tal Gŭidi u kaddejja oħra, u ħŭejjeġ bħal daŭn li jitlob il Passiggier.

«Min irid jeħu sehem f'dan il Pellegrinaġġ, *jaħtieġ jinchiteb sat-30 ta Novembru*: u f'li stess ħin tal ctib il Pellegrini tal *Prima* iridu iħallsu *ħamsin pesetas* (żeŭġ liri), tas-*Seconda* 25 *pesetas* (lira) u tat-*Terza* 15 il *pesetas* (tnax il xelin). Min ma iħallasx dan il *prezz tal ctib*, il Cumitat ma ikisux mictub. Imbaghd, *il bkija tal prezz tal biljett* jitħallas mita u chif ighid il Cumitat, la jasal il ħin.

«Sal 25 ta marzu, jista ŭieħed, jecc jibdielu, ineħħi ismu: imma jitlef *tliet qŭarti* milli icun ħallas.

«Il Pellegrini ta Valenzja ghandhom imorru jinchitbu il Palazz tal Arci-Iskof.»

### MA TUL IX-XTAJTA TAL GHADIRA «VICTORIA NYANZA»

Din il għadira hecc cbira li tinfirex daks baħar, li ma tistax tara b'għajnejc it-truf tagħha, tinsab fl'Africa. Il għadira tibda mil belt Mombasa, belt sabiħa bħal tal Eŭropa, u ta cummerċ cbir ŭisk, bis-saħħa tal esploratur ingliż Ġużè Thomson, li fl'1883-84, f'inkas minn tliet xhur, minn Mombasa daħal għall għadira *Victoria* li chien sabha fl'1858 il captan ingliż ucoll Speke u li mbghad semmeŭha għar-regina ta dac iżżmien *Vittoria*.

Bir-raġun collu nistgħu ngħidu li l'Inghilterra fetħet hemm cummerċ cbir. L'esploraturi ingliżi ħacmuha fl'isem tal patrja bgħod tagħhom, u li din ħaditha bi Protetturat immexxi minn Gvernatur, u kassmitha f'seba' provinċji, u fl'1902 firxet hemm it-triek għall vapur tal art. It-tisfira tal vapur li tidŭi kalb il beraħ, hia tabilħakk il għajta taċ-ċiviltà li tgħakkad ir-rħula mxerrda, biex jisimgħu il leħen tal gid tagħhom u biex jiftħu għajneihom għad-daŭl imkaddes.

Illum il ġurnata, issib cull ma tixtiek kalbec, sa «*Gymkhana*» bneŭ fejn is-suldati u l'Eŭropej jistgħu jitchissru fil ginnastica u jixxalaŭ bejniethom. Il viaġġatur li moħħu icun mimli bil ħŭejjeġ tal holkien li bihom hi mgħonija l'Africa, jistagħgeb mhux

ftit x'ħin isib hemm dakxejn ta Eŭropa oħra żgħira, u bir-raġun collu il Captan D'Albertis imur ighid illi: «Dic ic-ċiviltà collha tkalliblu il ħsiebijet tiegħu u tidħac biħ f'dac li icun jistenna li minn għalieħ ser isib.» Iżda b'din iċ-ċiviltà collha in-nies ta hemm bakgħu xorta ŭaħda fid-draŭŭiet tagħhom, tismaħhom b'ħafna frattarija, jifirħu u jakbżu bħal tfal żgħar, b'ħafna ġugarelli ma dŭar għonkhom u bil chemm il chemm misturin, donnha iċ-ċiviltà iżjed ħacmet fukhom fil gibdiet tajjba, tarahom hemm gejjn jidħlulec fil missjonijet u jakdu dmirhom bir-rekka collha.

Fuk il «Victorja Nyanza», li fukha il ħrafa taż-żminijet kodma tħalltet mal klajja tarrumanzieri ta'llum minsuġa b'ħafna ħmerijet fuk il moħba tat-trabi, fuk kbid u ktil ta nies, fuk takbidiet u meŭt tal biża, u x'naf jen, b'dana collu, illum, fuk l'ilmijet tagħha ma tarax jiġru ħlief vapuri li igħakkdu iżżeŭġ ir-rħula ingliżi bejniethom u ir-raħal tedesc ma Port-Florence

Fi ftit snin dan il pajjiż li tas-seŭ chien l'ura u salvaġġ, imbidel bħal lejl min-nhar, illum ma tarax ħlief ċiviltà, għana, u bdil ta cummerċ, u ħidma li ma bħalha, b'risk ix-xogħol u it-tbatija tal pajjżan tagħna is-Sur Martin.

Isimgħu ftit chif titchellem minn dan il Malti pajjżan tagħna *La Lettura*, dakka ta għajn ta cull xahar fuk il *Corriere della Sera* ta G. Giacosa, tax-xahar ta Mejju 1906, biex taraŭ chemm hua tas-seŭ li cullħadd jista jagħmel u jati gieħ lill pajjiżu.

«Is-Sur Martin, Gvernatur tal pajjiż *Victorja Nyanza*, hua Malti li fiż-żmien chien baħri, ragel tal ebda scola, u li ankas biss ma jaf jakra, iżda ragel ta dehen u għakal cbir ŭisk. Dan il Malti, ŭasal fix-xtajta ta Mombasa fl'1879, ŭara li chien sofra il għarka f'Żanżibar. Ŭasal fil għadira l'eŭŭel darba fl'1883-84 mal espedizioni ta Thomson, chellu xi takbidiet li fihom ħareġ vittorjus mannies ta Kavirondo u ta Nandi, li il kuddjem giebhom għar-rieda u il ħacma tiegħu. Biex tħallsu l'Inghilterra tax-xogħol u'l ħila tiegħu, għamlitu Gvernatur tal art collha: f'dana l'ufficju dejjem gieb ruħu ta ragel u bil għakal collu, li kala it-tifħir u'l kîma ta cullħadd. Chien hua li kankal u saŭŭar il-liġijet tal pajjiż, ħa f'idejħ ix-xogħol collu u issogra tant li b'risku illum il gurnata l'Eŭropej jafu li jistgħu iserrħu rashom u fil għaxija imorru bla ebda ħsieb abbord tal vapuri taħhom fuk l'ilmijet tal għadira u fis-sicta tal-lejl jisimgħu it-tħannina tal għana tan-nies ta hemm, li dari chienu tant ħorox u contra taħhom.

«Ma dana collu, bil gid u il għana ta ŭisk xogħol, minn xi żmien il haŭn in-nies kiegħda tonkos bis-siegħat b'marda li tittieħed u li ma taħfirha lil ħadd, u l'iżjed li taħchem fuk in-nies ta hemm; din hia il marda tan-ngħas, li fi ħmistax il xahar kerdet mill'Uganda biss disa' u tletin elf u ŭieħed u tmenin ruħ: u li xejn ma sŭeŭ il curi u ir-rimedji tattobba. Bit-talb ta dan il Malti ta min ifaħħru, l'Inghilterra bagħtet hemm Cummissjoni ta tobba għal tal apposta biex tistudja din il marda. Billi din il marda bdiet tmiss lill Eŭropej ucoll is-Sur Martin ħaseb l'iŭakkaf bastimenti bħala sptarijet fejn il morda jiġu miġburin u mifrudin mill'oħrajn, u iccurati bil ħniena colla.»

Sa haŭn *La Lettura*. Issa xi ngħidu aħna?... Ngħidu biss li il Malti dejjem għaraf juri-ruħu cull fejn icun, saħansitra daŭc li ma tantx huma għorrief, min b'ħaġa u min b'oħra, għarfu iżommu għoli l'isem ta Malta!

G. Micallef-Goggi.

# Nistenbħu......

Akraŭ x'chitbulna, ghax kalbna ma tatiniex li naħbu din iċ-ċanfira:—

«Fil 20 ta Novembru, 1912.

«Sur Direttur tal *Habib*,

«Inti taf min jena, ghax, barra milli issib haŭn biljett b'ismi, taghraf il carattru tieghi minn cantuniera boghod. Imma, barra milli taf li jen Sacerdot meħdi fuk id-doveri ħorox tieghi, taf ucoll li jen inħobb il *Habib*, ghax persŭas li kieghed jaghmel gid cbir, u ingib rispett lilec, ghax kieghed taħdem fiħ b'sacrificcju tal affarijet tieghec u forsi ta saħħtec ucoll. Issa, mela, ħallini nghidlec ċar li, minn gimghat il-haŭn, il *Habib* kieghed joħroġ mghobbi ŭisk b'*articuli sagri*—articuli sbieħ fihom infushom u ta fejda cbira ucoll, ghax ighallmu bosta ħŭejjeġ lill ħaddiem fuk ir-Religjon u fuk ir-ruħ: imma ŭisk, ŭisk! Mita il *Habib* chien igib daŭc iż-żeŭġ articuli fuk *ħŭejjeġ tal Cnisja* u maħħom daŭc il ħamsa jeŭ sitta fuk *ħŭejjeġ profani tal bżonn*, chien jogħġobni actar! Inti li gharaft iżżomm-ruħec fit-triek tan-nofs f'collox u ghall'inbix ta *minn haŭn* u *minn hinn* ŭiegibt bis-schiet tal ħniena, ara ftit mnejn hu gejj dan il gŭaj u seŭŭiħ mill'actar fis!

«Frattant, ghoddni dejjem, bħalma taf li jen,

«collni tieghec

«D. F. S.»

X'jidhrilcom? Tâna dan il ħabib dakka fuk ic-circu biex ibeggilhielna: imma id-dakka ta fuk il bittija ħassejniha f'kalbna, ghax nafu li ghandu ragjun. Iva: ghandu ragjun! Fejn huma il *Chittieba Seculari* tal *Habib?* Daŭc li xandarnihom b'Chittieba taghna mita deherna l'eŭŭel darba u li chienu jatu gost cbir bil chitba taħhom fuk mit ħaġa tal fejda! Aħna ghandna id-dmir inżeŭŭku l'articuli, biex cullħadd isib dac li jaħtieġ hu: iżda ma nistghux nictbu il *Habib* collu aħna: u icollna naghżlu minn dac li jigina.

L'articuli gejjin dejjem u sicŭit inħallu ghal gimgha oħra jeŭ nitfghu barra ghalcollox: imma, narġghu nghidu, ma nistghux inżeŭŭku ħlief minn daŭc li jiġu f'idejna.

Nitolbu, mela, il Chittieba taghna, ghalavolja li stess Kassisin, li, chemm jistghu, jaghżlu *argumenti profani*, basta ta daŭl u risk ghall cotra il cbira tal karrejja tal *Habib*, li, f'ħajjet Alla, hu tant imxerred kalb il Poplu tal bliet u tar-rħula.

Nixtieku, fuk collox, li, mill'inkas darbtejn fix-xahar, icollna articlu fuk is-*Snajja* u ieħor fuk il *Cummerċ* jeŭ *il Biedja*. Nistenbħu!

Id-Direzzjoni.

# Aħbar tajjba.

Barra minn Malta, it-Tobba u il Chirurghi il cbar, li jitħallsu tajjeb ferm minn ghand min jista iħallas, jaħsbu ucoll ghall fkar: u jatuhom dic is-siegha ghalihom, jeŭ cull jum jeŭ f'xi ġranet tal gimgha, fejn jilkghuhom bil ħniena collha u ideŭŭuhom b'xejn.

Dan issa bi ħsiebu jibda jaghmlu haŭn Malta is-Sur Alfonsu Urso, dac il Chirurgu-Dentista li ghandu l'Uffizzju tieghu fit-triek id-*Dejjka*, numru 156, ŭara il Fran, fejn, tmur x'ħin tmur, ghandec issib dejjem ħafna nies, mill'akŭa Cbarat maltin u ingliżi sa tas-snajja, jistenneŭ li imisshom jidħlu ħdejħ. Aħna ctibna darb'oħra fuku fil *Habib* u m'hemmx bżonn narġghu 'ntennu li stess ħŭejjeġ, ghax illum ma fadalx Malta min ma jafx li is-Sur Urso jiccura il ħalk u issnien b'ħila u indafa tal-ghageb, chif ucoll li hu mal ħeffa tieghu in-nifsu ghandu l'aħjar ghodod li titlob is-sengħa.

Issa, billi illum l'akŭa ghorrief ighallmu li il mard tat-tfal żghar u tat-trabi actarx icun gejj mis-snien, ghax daŭn ma joħorġux u ma jissaŭŭrux tajjeb imħabba li ma jigix iccurat il ħalk chif hemm bżonn, is-Sur Urso, imkankal mil ħniena ta kalbu u mil ħsieb nisrani ta ruħu, ghamel f'rasu li jibda iħalli siegha ghat-tfal u ghat-trabi tal fkar, jigifieri biex jiccurahom fiha b'xejn.

Ħaġa sabiħa u imkaddsa: u il *Habib*, bħalma chien l'eŭŭel ŭieħed li ŭaslet din l'aħbar tajjba f'ŭidnejħ, hecc ucoll jittama li, malli is-Sur Urso icun lesta il post li sejjer iŭassa biex jista jilka fiħ il fokra b'uliedhom maħħom, icun hu li jati kabel cull-ħadd il ġranet u il ħinijet ta daŭn iż-żjajjar.

Frattant, niżżu-ħajr lis-Sur Urso fl'isem tal fokra collha li ghad jiġu bżonnu.

## HEMM BŻONN TAL OPERAZZJONI.

Allurmeta biċċa mil ġisem timrad u titħassar bl'icreħ, it-tabib ma jatix biss xi duŭa, xi dlic; iżda jordna, jecc jista icun, li tinkata il biċċa 'mħassra; inclelè il marda tghaddi iżjed il kuddiem, u biċċa ŭara l'oħra jitħassar il gisem collu u id-demm; u cull rimedju icun ŭisk tard, u il meŭt ma tcunx fil boghod.

Chif fil *fisicu*, hecc fil *morali*. Cull società, jeŭ ghakda ta nies, hia bħal gisem. Cull bniedem, li ghandu parti f'din is-società, hua bħal biċċa minn dan il ġisem. Il bniedem fis-società jista jiżbalja, bħalma biċċa mil gisem tista timrad. Imma, meta il marda tcun ŭiekfa u tittieħed, jiġifieri meta il bniedem jiżbalja bl'icreħ, jibka mŭebbes f'li żball, u bl'iżball tieghu jista iħajjar l'oħrajn u iŭakkaħhom f'li stess żball; x'hemm bżonn allura? Sgur tinħtieġ l'id ta-tabib biex jaghmel l'operazzjoni. Tinħtieġ id kaŭŭija, li tieħu bla ħniena ghall marid (ħniena ghal biċċa marida tal gisem, fil periclu li tħassar il gisem collu, hija ħniena karrieka) is-sicchina u takta il biċċa 'mħassra; jigifieri jinħtieġ li mis-società jigi 'mcheċċi min lill'istess società icun kieghed jaghmel il ħsara. F'dan il caż, it-tabib ħanin li jaghmel din l'operazzjoni imissu ir-ringrazzjamenti ta cullħadd. Meta dan it-tabib, jeŭ ghax mhux imsejjaħ, jeŭ ghax ħanin ŭisk, jeŭ ghax dejjem jitma il fejkien, ma icunx pront jaghmel din l'operazzjoni, jindaħal tabib ieħor, li bla biża ta żball, jaghmel l'operazzjoni: u dan it-tabib hu Alla. U allura naraŭ il biċċa 'mħassra tinfired mil gisem shiħ, ŭeħida, naħsbu aħna, imma minn taħt icun hemm l'id t'Alla, li tcun tifred u taghżel it-tajjeb mil ħażin, il kaŭŭi mil marid. U allura x'jibkghelna naghmlu ħlief nirringrazzjaŭ ll'Alla, li ħelisna minn periclu cbir?

Ma nistghaġbux, immela, b'xi scandlu li jiġri. «Hemm bżonn li jiġru il scandli: iżda ħażin ghal dac il bniedem li biħ jiġri il scandlu» kal Gesù. Nitolbu, anzi, ll'Alla li dejjem jaghżel it-tiben mil kamħ, il ħuta il ħażina mit-tajjba; Naghlu ghal min jiġi mifrud u imcheċċi ghax minnu jigi jinghad; *Orbtuħ u cheċċuħ fid-dlamijet ta barra*. Iżda ma naghlux ghall Cnisja, imma nifirħu u nitolbu ll'Alla li ibieghed dejjem minnha iż-żerriegha u in-nebbieta il ħażina.

D. C. Z.

Mil Lucerna tal Ħajja — 34. Min hu l'acbar fostcom icun kaddejj taghcom, chif Gesù giè biex jakdi, mhux biex icun mokdi.

# Ma dûar il Gżira.

Nifirħu lis-Sur Ġann Valenzia (minn Bormla, strada Santa Teresa, numru 258) li, ŭara eżami mill'itkal fuk ix-xoghol tat-tifsil, ħa *Diploma tal meritu* mill'imsemmi Culleġġ ta Londra *The Tailor's and Cuttle school of art and science*: u nifirħulu bil kalb, ghax, barra milli gharaf jati gieħ cbir lill Gżira bil ħila tieghu u imexxi ŭisk il kuddiem is-sengha, is-Sur Valenzia hu ucoll patrijott mill'aħjar.

—Fraħna tas-seŭ mita smajna chemm giè milkuħ tajjeb is-Sur Mast Ġanni Gatt, fl'eŭŭel dehra li ghamlet taħtu il *Banda ta Tunes*, u chemm giet imfaħħra is-Sinfonija tieghu li żanżan biha. Daks hecc u xejn inkas conna nistenneŭ minnu, ghax is-Sur Gatt, ŭieħed mill'aħjar Mghallmin tal mużica li raŭŭam lill Malta il Professur Paŭlinu Vassall, aħna nafu tajjeb x'irodd: u dan il mument irridu niftaħru li hu dejjem żammna bi ħbieb gheżież tieghu. Il *Banda ta Tunes* ghamlet rebħa cbira mita ħasslet lilu b'Sur Mast taħħa, u, jecc taghraf tghożżu, tmur il kuddiem ferm taħtu, ghax is-Sur Gatt ghandu il ġênju u scola kaŭŭija biex jicteb il mużica, bħalma ghandu ħila u xeħta mill'iżjed biex ighallem il bandisti u jiddirigihom.

—La semmejna li Mghallmin tal mużica imraŭŭma mil Professur Vassall, ma nistghux ma niftacrux fis-Sur Mast Carlu Diaconu, li actarx hu l'akŭa ŭieħed fosthom collha. Ma nifirħux lilu, ghax tà xhiediet ŭisk ghôla minn din tal ġênju u tal ħabta cbar tieghu: imma nifirħu lill *Banda ta Bormla* li gharfet taghżlu b'Direttur taħħa. Li conna nifmuha darba ghal dejjem! Chemm ghandna Mghallmin tal mużica li jistghu jaghmlulna onur cull fejn jersku! Imm'aħna, ghalavolja fejn ghajnejna huma l'actar miftuħa, inxommu il borma tal ġara tfuħ iżjed minn taghna!

—Infaccru lill'Imsieħbin tal *Unjoni Cattolica* li, nhar il ħadd li gejj, fil ħdax ta fil ghodu seŭŭa, id-Direttur tal *Habib* jarġa jaghmel il Cunferenza fuk il *Ligi Criminal*, ghax hecc joghġbu il Cumitat tal Appostulat: u naħsbu li il President tal *Unjoni* jarġa ucoll ighid dac il cliem sabiħ fuk ir-Religjon u fuk il Ligi li kâl mita saret il Cunferenza l'eŭŭel darba.

—Fil 15 ta Dicembru, nhar ta ħadd, issir Fiera cbira fil Palazz tal *Uujoni Cattolica*, ghall ghajnuna tal *Caxxa tal ħaddima*. Tcun ħaġa ta min ma jitlifhiex.—Il ħadd li gejj, *rappresentazzjoni famusa* daks ta 'lbieraħ tl'ura: it-Teatrin diġà qûasi mimli.

—Imħabba 'n-nukkas tal ŭisa, chellna 'nħallu ghal darba'oħra l'articlu ta *F. E.* u l'ittra ta *Paŭlu Galdes* fuk il Parrucchieri, li chienu diġà maħdumin u lesti.

### Fiex it-taljan ma jakbilx mal-malti

*(jissocta man-numru 38)*

Il-pronomi mehmużin tat-tielet persuna, il-femminil u il-plural, ictibhom *dejjem* bil-consonanti *h*, jigifieri *-ha,-hom*, seŭŭa mita din, ŭara consonanti, ma tistamax, chemm ucoll mita, ŭara vocali, jeŭ ŭara l-consonanti *j* u *ŭ*, tistama' donnha consonanti oħra. Għalhecc icteb (1) *fukha, taħtha, fejnha, fukhom, taħthom, fejnħom*, avvolja l-consonanti *h* tal-pronom ma tistamax (2) *raha, rahom, raŭha, raŭhom, fiha, fihom, għaliha, għalihom, ħdejha, ħdejhom, lejha lejhom*, avvolja floc *h* f'fomm daŭc ta' l-ibliet tisma' *għ* u f'fomm daŭc tar-rħula tisma' *j* u *ŭ*.

Minn hecc jigi li għandna (1) il-verbi bil-pronom mehmuż *ħassha, rassha, dakkha, meddha, xammha*, u in-nomi *ħassa, dakka, medda, xamma*, (2) l-aggettiv *collha* (magħmul mil-pronom *cull* bi-pronom mehmuż) u in-nom *colla*.

Il-provi ta' din il-*h* fiż-żeŭġ pronomi mehmużin *-ha, -hom*, huma actar minn ŭaħda:—

L-eŭŭel ŭaħda hi l-vocali ta' l-aħħar ksima tal-chelma, billi tgħib malli ma' l-aħħar consonanti tigi tmiss vocali, u tieħu l-accent fukha malli ma' l-aħħar consonanti tigi tmiss consonanti. Ara *kabad, ħarbex* li jagħmlu *kabdu, kabdec, kabdet, ħarbxu ħarbxec, ħarbxet*, jigifieri jitilfu l-vocali ta' l-aħħar ksima, mita l-eŭŭel ittra, li jehimżu, hi vocali; u *kabàdni, kabàdna, kabàdcom, ħarbìxni, ħarbìxna, ħarbìxcom*, jigifieri jkaddmu l-accent għal fuk il-vocali l-oħra mita l-eŭŭel ittra, li jehimżu, hi consonanti.

Fil chemiet *kabadha, kabadhom, ħarbixha ħarbixhom* il-vocali ta' l-aħħar ksima ma tgħibx, imma titgħabba bl-accent; u dan ifisser li ŭara l-aħħar consonanti tcun daħlet consonanti li ma tistamax u li għalhecc ma tistax tcun ħlief il-*h*. U dan jidher ŭisk ċar, għax li chienet dic il-vocali tħoss li ma' l-aħħar consonanti tcun daħlet vocali, chienet, chiecu, tgħib, bħalma tgħib fil-chelmiet *kabdu, kabdec, kabdet, ħarbxu, ħarbxec, ħarbxet*; u conna, chiecu, ngħidu: *kabda, kabdom, ħarbxa, ħarbxom*, bil vocali ta' l-aħħar ksima, mgħaŭba.

It-tieni prova hi il-vocali *eufonica* li tiddeffes kabel il-consonanti *l* tad-dattiv biex, bħala consonanti *liquida*, ma tħallihiex titħaxchen bejn żeŭġ consonanti. Ara l-vocali eufonica *i* li bħalma tidher fil-chelmiet *ħatfilna, ħatfilcom, serkilna, serkilcom*, biex hecc il-consonanti tad-dattiv ma titħaxchinx bejn żeŭġ consonanti, tidher ucoll fil-chelmiet *ħatfilha, ħatfilhom, serkilha, serkilhom*, sinjal li l-consonanti *l* tad-dattiv ħasset ŭarajha consonanti u deffset kabilha vocali biex ma ssibx ruħha mħaxcna bejn żeŭġ consonanti. U dan jidher ċar, għax chiecu dic il-consonanti ssib ŭarajha vocali, chien icollna *ħatafla, ħataflom, serakla, seraklom*, bla vocali eufonica, bħalma bla vocali eufonica għandna *ħatafli, ħataflec, ħataflu, serakli, seraklec seraklu*.

It-tielet prova hi l-vocali *â* tal preposizzjonijiet *tâgħ* u *mâgħ*, jeŭ mkassrin *ta'* u *ma'*, vocali li bħalma tibka' *a* fil-chelmiet *tagħna, tagħcom, magħna, magħcom*, fejn l-eŭŭel ittra li tmiss mal-preposizzjoni hi consonanti, tibka' *a* ucoll fil-chelmiet *tagħha, tagħhom, magħha, magħhom*, bħala sinjal li l-eŭŭel ittra li tigi tmiss mal-preposizzjoni hi consonanti; jigifieri, il-consonanti *h*, għax hi ittra li ma tistamax. U dan jidher ċar, għax li chien il-pronom jibda b'vocali, dic il-vocali *a* chienet, chiecu, tinbidel f'*ie*, teŭmija magħha, u conna ngħidu *tiegħa, tiegħom, miegħa, miegħom*, bħalma nafu ngħidu *tiegħu, tiegħi, tiegħac, miegħu, miegħi, miegħac*, jigifieri bil-vocali *ie* floc *a*, mita l-eŭŭel ittra li tmiss mal-preposizzjoni hi vocali.

*(Jissocta)* G. Vassallo.

## Ma dûar id-dinja.

Il funerali ta Canalejas, l'Eŭŭel Ministru ta Spanja, saru f'Madrid bl'acbar pompa: saħansitra ir-Re ha sehem personalment: giè midfun mal Cbarat.

Fi Spanja illum raŭ chemm ħsara kieghdin jaghmlu l'*anarchici*, u ghaldaħstant innies ta cull partit kieghdin jiftehmu chif jekerduhom.

—F'Napli, mibchi minn cull-ħadd, miet il Cardinal Capecelatro, Arciskof ta Capŭa. Chien ŭieħed mill'acbar Cardinali u gharef bil bosta u chiteb bosta opri.

—Fis-17 u it-18 ta dana ix-xhar, uragan mill'acbar inxteħet fuk Ġammajca—il bliet ta Lucija, Gzira Hadra, u Savanna La Mar, geŭ maħsuda minn meuġa cbira u mietu bosta nies: 42 cadavru intrafghu mil Bajja ta Montagu, is-sigar tal banana geŭ collha imkaċċta.—L'aħbar fil Capitali ta Kingston ħadha vapur, ghaliex it-triek tal ferrovja ma tinsabx actar u it-telegrafu maktuħ.

—Il gŭerra bejn it-Turchija u li Stati tal Balcani ghadha tcompli: issa xakk ta daŭl itammana li il paci ma iddumx ma tinghakad, u issa dalma cbira tbeżżghana li il ħŭejjeġ kieghdin jithaŭŭdu dejjem iżjed.

Il gimgha li ħarget il Montenegrini ħadu *San Giovanni de Medua* u il Grieghi *Salonika*, fejn il Princep Ereditarju daħal trijunfalment u giè milkuħ mil Poplu b'ferħ u xħit ta fjuri. Ir-Regina tal Grecja ucoll fuk il vapur taħħa *Amphitrite*, b'27 vapur mercantili mexjin ma dŭaru, marret Salonika, milkugha b'li sparar tal fregati collha.—F'dina il belt tar maħzen bil porvli u mieghu il barracca kribu: mietu 312 il prigjunier toroc u 430 bakghu feruti, barra missuldati grieghi tal ghassa.

Monastir ŭakghet taħt is-Serbi u hecc ucoll il belt ta Alessju li tinsab taħt is-Serbi u il Montenegrini.

Ghal xi biża ta massacru il frejgati tanazzjonijet collha niżżlu baħrin u suldati f'Costantinopoli bil cunsens tat-Turchija; iżda dina, ŭara ftit ġranet, talbet lill'Ambaxxaturi sabiex jarġghu jiġbru in-nies taħhom abbord, imma daŭna ma taŭx ŭiden u żammeŭhom fl'art.

Aħbar ħażina ŭisk hi li fost it-Toroc u il Bulgari kieghed jaħchem il colêra, chif ucoll hemm il pesta u it-tifu: kieghdin imutu il mijet cull jum. Il Bulgarja baghtet tobba specjali biex iŭakkfu il mard.

L'aħħar telegrammi minn Monastir igharrfu li is-Serbi ghadhom hemm jiccumbattu: gà ghamlu ħames t'elef prigjunier u kabdu 40 canun. Ighidu li it-Toroc biss tilfu ghoxrin elf ruħ bejn mejjtin u feruti. Is-Serbi tilfu ucoll ħafna ghal-chemm inkas.

Li Stati tal Balcani, per mezz tal Ambaxxatur Russu, baghtu il condizzjonijet ghal'armistizju(*) li talbu it-Toroc, sabiex icunu jistghu ighakkdu il paci. Fehma taħhom chienet li it-Toroc iżommu biss Costantinopoli, b'biċċa ta art żghira mit-Turchija fl'Eŭropa—u li dina chellha tħalsilhom somma ta flus ghal li spejjes tal gŭerra. Digà chienu intakghu il plenipotenzjari, sabiex jiftehmu: imma it-telegramm ta nhar il gimgha igharrafna li il Gvern Torc ma lakax tajjeb il condizzjonijet tal Bulgari u ordna lill Nażim Paxà li icompli il ġŭerra: u infatti ġà bida li sparar madŭar Constantinopoli, li ma 'ddumx ma taka taħt il Bulgari. Naraŭ, imbghad, x'in hu li jaghmlu il Potenzi il Cbar tal Eŭropa.

L. M. C. G.

(*) *Armistizju* jigifieri *ŭakfa tal armi*: u dan jiġri mita daŭc li icunu kieghdin jaghmlu gŭerra contra xulxin jiftehmu li jekfghu ghal tant ġranet.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### XARADA.

Actarx tinsab *fit-tielet*
jecc *l'eŭŭel* irrabjat
icun *it-tieni* mieghec:
*collox* pajjiż ŭisk stmat.

G. G.

Ix-*Xarada telegramma* chienet:

Bu-fula = Bufula.

Giebuha: mil Belt, ir-Rev. Dun G. G., is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sinjuri G. Attard u Piju-Marija Gaŭci—u minn Ghaŭdex (*San Laŭrenż*) is-Sur Dŭardu Grima.